MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2006

Numru 6021/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**v.**

**Joseph Lebrun**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu provvediment wara rikors maghmul minn Joseph Lebrun fit-13 ta’ Jannar 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tordna l-liberazzjoni tieghu skond dak li jipprovdi l-Artikoku 602[1] tal-Kodici Kriminali.

2. Fir-risposta tieghu ghal dan ir-rikors, l-Avukat Generali qal li f’dan il-kaz ma hemmx lok ghal tali liberazzjoni peress li, wara r-riarrest ta’ l-imputat Lebrun –

---

[1] Art. 602: “Meta l-att ta’ l-akkuza ma jigixipprezentat fiz-zmien li jmissu, il-qorti tista’, fuq talba ta’ l-imputat, u wara li tisma’ l-Avukat Generali, tordna li l-imputat jigi illiberat, u d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 434 ghandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw: Izda din id-disposizzjoni ma tghoddx, jekk fiz-zmien li ssir it-talba hawn fuq imsemmija, l-att ta’ l-akkuza jkun gie ipprezentat.”

riarrest ordnat mill-istess Avukat Generali skond l-Artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali – huwa ssokta bil-kumpilazzjoni skond ma jipprovdu s-subartikoli (1) u (2) ta’ l-Artikolu 405 ta’ l-imsemmi Kodici.

3. Din il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbili difensuri tal-partijiet – l-Avukati Jose` Herrera, Joseph Giglio u Franco Debono ghar-rikorrent u l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Stepehn Tonna Lowell ghall-Avukat Generali – u tinsab f’posizzjoni llum li taghti d-decizjoni taghha dwar it-talba kif maghmula.

4. Tajjeb li qabel xejn jigu rikapitolati l-fatti relevanti. Fis-6 ta’ Settembru 2005 Joseph Lebrun tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja[2] akkuzat b’diversi reati konnessi ma’ traffikar u pussess tad-droga erojina. Fi tmiem il-kumpilazzjoni – Artikolu 401(2) tal-Kap. 12 – dik il-Qorti iddecidiet li ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex huwa jitqieghed taht att ta’ akkuza u ordnat il-liberazzjoni[3] tieghu. L-Avukat Generali, bis-setgha moghtija lilu bl-Artikolu 433(3) – u ghalhekk wara li kien hemm il-qbil ta’ Imhallef li ordinarjament ma joqghodx fil-Qorti ta’ l-Appell Kriminali jew fil-Qorti Kriminali – hareg mandat taht il-firma tieghu ghall-arrest ta’ l-imsemmi Lebrun. Fl-istess gurnata li gie iffirmat il-mandat ta’ arrest – is-7 ta’ Dicembru 2005 – l-Avukat Generali, permezz ta’ nota ta’ rinviju maghmula skond l-Artikolu 405(1)(2) tal-Kodici Kriminali, baghat l-attijiet tal-kumpilazzjoni lura lill-Qorti Istruttorja b’talba biex jinstemghu aktar provi (fol. 455). Dik il-Qorti, wara li, ghar-ragunijiet indikati fil-verbal ta’ l-udjenza tat-28 ta’ Dicembru 2005, ma setghetx taghmel dak mitlub mill-Avukat Generali, baghtet l-attijiet lura lill-istess Avukat Generali fl-istess gurnata, cioe` fit-28 ta’ Dicembru 2005. Dawn waslu ghand l-Avukat Generali f’dik l-istess gurnata tat-28 ta’ Dicembru 2005 (ara n-notament bil-lapes fuq il-kopertina tal-volum numru 3).

---

[2] L-Avukat Generali, b’ordni maghmul taht l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 u datat 6 ta’ Settembru 2005, ordna li l-istess Lebrun jigi processat fir-rigward tal-akkuzi migjuba kontra tieghu quddiem il-Qorti Kriminali. Fan il-kaz kien hemm ukoll zewg prorogi tal-President ta’ Malta skond l-Artikolu 401(1) tal-Kap. 9

[3] Il-kelma “liberazzjoni” fl-Artikolu 401(2) ma tfissirx “acquittal” izda “discahrge” – ara t-test ingliz tal-ligi. F’dan is-sens ukoll hija l-kelma “liberazzjoni” fl-Artikolu 602, *supra*.

5. Il-kwistjoni li dwarha trid tiddeciedi din il-Qorti hija din: meta l-Avukat Generali jaghmel uzu mill-procedura taht l-Artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali, huwa obbligat li jghaddi dritt ghall-att ta’ akkuza (entro t-terminu ta’ xahar indikat fl-Artikolu 432(1)), jew jista’ jipprocedi xort’ohra, bhal, per ezempju kif sar f’dan il-kaz, billi jissokta bl-istruttorja?

6. Jibda biex jigi osservat li, kif anke gie ritenut minn din il-Qorti[4] fis-sentenza taghha tat-13 ta’ Marzu 1950 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Manwel Bonello***, l-Artikolu 602 tal-Kodici Kriminali juza l-kelma “tista’” u mhux “ghandha”. Dan ifisser li din il-Qorti ghandha diskrezzjoni jekk, skadut it-terminu ta’ xahar, tordnax il-liberazzjoni o meno. Fi kliem dik is-sentenza:

**“Illi ghalkemm huwa veru li kultant il-kelma ‘tista’’ (‘may’) uzata fil-ligi ghandha tigi interpretata bhal ma kieku kienet giet uzata l-kelma ‘ghandha’ (‘shall’), izda ghal dik l-interpretazzjoni ghandu jigi kunsidrat il-kontest; u l-kontest juri, fil-kaz prezenti, illi ghalkemm, naturalment it-talba ghandha tigi milqugha meta ma jkunx hemm ragunijiet biex tigi negata – izda hija fil-fakolta` tal-Qorti li tilqaghha jew tichadha, skond ic-cirkustanzi partikolari tal-kaz. Dan jurih, fost cirkustanzi ohra, anke dak li l-ligi trid li d-decizjoni tal-Qorti tinghata wara li jkun instema’ l-Attorney General.”** [5]

7. Pronunzjament iehor simili huwa dak ta’ din il-Qorti tat-3 ta’ Awissu 1950 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Manwel Mercieca*** [6]. Fil-fehma ta’ din il-Qorti il-liberazzjoni taht l-Artikolu 602 ghandha tigi akkordata meta jkun hemm, da

---

[4] Kollegjalment komposta – Prim Imhallef Sir George Borg u Imhallfin A. J. Montanaro Gauci u Tancred Gouder. Ara Kollez. Dec. XXXIV.iv.918

[5] Dik l-istess Qorti in segwitu kienet iddecidiet, fit-13 ta’ April 1950 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Maesta` Tieghu ir-Re v. Manwel Bonello***, Kollez. Dec. XXXIV.iv.921, li jekk it-talba ghall-liberazzjoni taht l-Artikolu 602 tkun giet michuda, l-att ta’ akkuza li jkun gie sussegwentement prezentata ma jkunx jista’ jigi invalidat minhabba l-istess raguni, cioe` li ma kienx gie pprezentat fit-ternimu stabbilit fl-imsemmi Artikolu 602; u ghalhekk wara dik id-decizjoni ma hemmx lok ghall-eccezzjoni tan-nullita` ta’ l-att ta’ l-akkuza fuq ir-raguni taz-zmien. Ara wkoll l-Artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali.

[6] Kollez. Dec. XXXIV.iv.935.

parti ta’ l-Avukat Generali, nuqqas gravi f’dak li huwa l-prosegwiment tal-proceduri fil-konfront tal-persuna li tkun, u mhux semplicement meta, per ezempju, jkun skada xi terminu b’gurnata jew tnejn. Tali interpretazzjoni hi konformi sia mal-*proviso* ta’ l-imsemmi Artikolu 602 kif ukoll ma’ dak li jipprovdi l-*proviso* tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 432, u cioe` li meta l-att ta’ akkuza ma jkunx gie prezentat (wara li l-attijiet tal-kumpilazzjoni jkunu ntbaghtu mill-Qorti Istruttorja lill-Avukat Generali u hu ma jkunx ipproceda skond xi disposizzjoni ohra tal-ligi) wara l-proroga taz-zmien ghal darba darbtejn permezz ta’ din il-Qorti u tal-President ta’ Malta, jekk jghaddu erbghin jum <u>ohra</u> fuq dik it-tieni proroga, l-imputat <u>li jkun taht arrest</u> ikollu “l-jedd li jigi mehlus mill-arrest taht garanzija” (“...the accused shall have the right to be released on bail”). Addiruttura f’din l-ahhar ipotesi – meta allura jkunu ghaddew xahar, hmistax u hmistax, u erbghin jum ohra – il-ligi anqas titkellem dwar il-“liberazzjoni” (“discharge”) izda semplicement helsien mill-arrest – indikazzjoni cara li l-liberazzjoni taht l-Artikolu 602 hija intiza primarjament ghal meta jkun hemm, fost affarijiet ohra, inattività totali (u ghalhekk abuziva) da parti ta’ l-Avukat Generali.

8. Issa, jekk wiehed jara l-istruttura u l-kontenut tad-diversi disposizzjonijiet tal-ligi li b’xi mod jaghtu setgha jew setghat lill-Avukat Generali – u specjalment jekk wiehed jara l-Artikoli 402(5), 405, 431(2), 432 u 433 tal-Kodici Kriminali – huwa evidenti li l-Avukat Generali, bhala l-prosekutur quddiem din il-Qorti u ghalhekk bhala l-persuna li fuqu taqa’ r-responsabbilta` li jassigura li l-attijiet tal-kumpilazzjoni jkuni istruwiti minn kollox (sa fejn hu desiderabbli u umanament possibbli) qabel ma jiehu d-decizjoni finali biex jigi quddiem din il-Qorti b’att ta’ akkuza, ma hux marbut li, meta jkun ipproceda skond l-Artikolu 433(3), huwa bilfors irid jghaddi dritt ghall-att ta’ akkuza. Huwa jista’, jekk irid, jissokta bil-kumpilazzjoni – wara kollox, kif tajjeb osserva Dott Stephen Tonna Lowell fit-trattazzjoni tieghu, id-decizjoni li pprecipitat il-hrug tal-mandat ta’ arrest u li kienet kondiviza minn Imhallef kienet biss fis-sens li, kuntrarjament ghal dak li kien iddecieda l-Magistrat Istruttur, kien hemm “ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta’ akkuza”, li tfisser

semplicement li kien hemm prova jew provi *prima facie* li jiggustifikaw tali att ta' akkuza. Il-legislatur ma setax jippretendi li fuq tali prova jew provi *prima facie* biss l-Avukat Generali ghandu jidher quddiem din il-Qorti b'att ta' akkuza. Ghalhekk, meta l-Avukat Generali jkun mexa skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 433 huwa semplicement ikun qieghed lilu nnifsu fl-istess posizzjoni daqs li kieku l-attijiet tal-kumpilazzjoni kienu ntbaghtu lilu b'decizjoni tal-Magistrat li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, u ghalhekk jibqghu inpregudikati s-setghat <u>kollha</u> tieghu fir-rigward mhux biss ta' l-istruzzjoni tal-process izda anke dwar jekk finalment johrogx att ta' akkuza jew jekk jirrinvjax biex il-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jew addirittura jekk johrogx *nolle prosequi*.

9. L-abbili difensuri tar-rikorrent issottomettew li hemm disposizzjonijiet tal-ligi li juru li l-Avukat Generali jista' jkompli jistruwixxi l-process <u>wara</u> li jkun ipprezenta l-att ta' l-akkuza, u li ghalhekk f'kaz bhal dak in dizamina, l-Avukat Generali kien obbligat li jipprezenta l-att ta' akkuza fi zmien xahar mill-arrest u wara, se mai, ikompli jigbor il-provi. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx ma' tali ragunament. L-obbligu ta' l-Avukat Generali li jistruwixxi l-process huwa obbligu li neccessarjament <u>jipprecedi</u> l-att ta' akkuza, proprju biex huwa jkollu dejjem l-istampa cara u kompleta qabel ma jiddeciedi li jipprocedi b'wiehed mill-modi msemmija fil-paragrafu precedenti. L-imsemmija difensuri ssenjalaw in partikolari l-Artikoli 406, 435 u 440 tal-Kodici Kriminali. Pero` ebda wiehed minn dawn l-artikoli ma hu intiz sabiex jezonera lill-Avukat Generali mill-obbligu li jassigura li l-kumpilazzjoni tkun istruwita minn kollox qabel ma huwa jiehu d-decizjoni li ghandu jiehu – obbligu li l-ewwel jaqa' fuq il-Magistrat Istruttur pero` mbaghad jghaddi fuq l-Avukat Generali in virtu` tal-posizzjoni tieghu gerarkikament superjuri ghal dik tal-Qorti Istruttorja fir-rigward ta' dik li hi l-prosekuzzjoni ta' reati li jaqghu fil-kompetenza ta' din il-Qorti (cioe` tal-Qorti Kriminali). Dawn it-tlett artikoli jaghtu l-fakolta` – cirkoskritta b'diversi kundizzjonijiet – lill-Avukat Generali sabiex igib provi ohra wara li jkun ippresenta l-att ta' akkuza, izda, kif inghad, b'ebda mod ma jista' jinghad li

jezonerawh mill-obbligu principali tieghu li jassigura li l-process ikun istruwit minn kollox. Dawn id-disposizzjonijiet jistghu jitqiesu bhala supplementari.

10. Ghalhekk, fic-cirkostanzi kif jemergu mill-attijiet li l-Qorti ghandha bhalissa a disposizzjoni taghha, ma jirrizultax li l-Avukat Generali ipproceda jew qieghed jipprocedi b'xi mod kontra l-ligi. Isegwi ghalhekk li ma hemmx lok li t-talba maghmula taht l-Artikolu 602 tigi milqugha.

11. Ghall-motivi premessi tichad it-talba kif migjuba fir-rikors ta' l-imputat Joseph Lebrun tat-13 ta' Jannar 2006.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------